MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 215/2006

**Socjeta' Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tal-4 ta'Gunju 2008 l-isem Maltacom plc inbidel ghal Go plc**

**Vs**

**Eliseo Muscat (ID No 676849M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u hamsin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm2,250.34) bilanc ta' somma akbar rappresenentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21497400 dana skond ma kif jidher mid-dokumenti annessi mal-avviz u markati Dok A u B.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-avviz, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A u B a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-29 ta' Settembru 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,250.34 ossija €5241.88 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Lulju 2006 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes inklusi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------